**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Mejju, 2021**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 362/2018**

**Noel Zahra in rapprezentanza tal-minuri Luca Zahra u b'digriet tat-8 ta' April 2021 Luca Zahra assuma l-atti flok Noel Zahra**

**vs**

**Joseph Orlando**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-18 ta' April, 2018 li jghid hekk:

Illi fid-dsatax (19) ta' Dicembru 2017, ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghaxra, ta' wara nofs in-nhar (1.50 pm), il-minuri Luca Zahra, waqt li kien qieghed isuq ir-rota fi Triq Hompesch, il-Fgura huwa safa tragikament vittma ta' incident stradali li sehh meta l-konvenut Joseph Orlando fetah il-bieba tal-karozza tieghu minghajr attenzjoni, bil-konsegwenza li l-minuri Luca Zahra, inevitabbilment inhakem mill-bieba tal-vettura tal-konvenut;

Illi qabel ma sehh dan l-incident, il-konvenut kien qieghed bil-qieghda gol-vettura tieghu bin-numru HBI-192, liema vettura kienet ipparkjata u l-incident sehh ezattament x'hinu huwa fetah il-bieba sabiex johrog minn dina l-vettura;

Illi dan l-invident sehh minhabba nuqqas ta' attenzjoni, negligenza, imprudenza u jew traskuragni minn naha tal-konvenut, kif del resto ser jirrizulta pjenament u ser jigi ipprovat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' dina l-kawza, u dana meta l-intimat fetah il-bieb tal-karozza minghajr ma hares u iccekja sew kienx hemm xi vettura ohra li kienet ghaddejja u li ghaliha u huwa kien ser jingombra meta jiftah il-bieba;

Illi kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija 3/E/4600/2017 (hawn anness u immarkat bhala Dok. 'A'), mir-rapport mediku (hawn anness u immarkat bhala Dok. 'B'), il-minuri kien rekoverat fl-isptar wara dan l-incident, partikolarment minhabba l-griehi illi huwa kellu f'wiccu (ritratti anness u immarkati bhala Dok. 'C');

Illi minhabba dan l-incident il-minuri Luca Zahra sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qligh futur minhabba debilita permanenti f'wiccu;

Illi ghalkemm l-intimat gie diga interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-mittent kawza tal-imsemmi incident (dan permezz ta' ittra bonarja datata 12 tal Marzu 2018, hawn anness u immarkata bhala Dok. 'D') huwa baqgha inadempjenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:
1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenut u dana kagun ta' agir negligenti, traskurat, b'imperizja u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur, liema danni huma kemm dawk emergenti kif ukoll lucrum cessans, okkorendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi qabel xejn l-attur nomine irid igib prova li hu legalment ghandu dritt li jirraprezenta lil minuri;
2. Illi l-incident gara unikament tort ta' Luca Zahra li kien qieghed isuq b'negligenza u vicin wisq tal-vetturi parkjati u b'velocita' qawwija u minghajr helmet; tant hu hekk li Noel Zahra kien offra li jhallas l-ispejjez u danni li sofra l-konvenut fil-vettura tieghu;
3. Illi il-konvenut ma seta’ qatt basar li Luca Zahra jew xi hadd iehor seta kien qed isuq fl-ispazju li kien hemm bejn fejn kienet parkeggjata l-vettura tieghu u l-vetturi li kienu qed isuqu fit-triq;
4. Illi l-konvenut ma kienx jahti ghall-incident de quo - hu ma kien bl-ebda mod negligenti u, jew ma kiser ebda regolament tat-traffiku;
5. Illi kieku Luca Zahra kien ghaddej bil-mod u bl-attenzjoni rikjesta, zgur li l-incident de quo ma kienx isehh;
6. Illi mhux minnu li l-konvenut fetah il-bieba f’daqqa u minghajr ma hares, kien l-attur Luca Zahra li ma kienx attent u li kien qed isuq vicin wisq il-vetturi parkeggjati. Il-konvenut l-ewwel bexxaq il-bieba kemm ikun jista’ johrog, wara dar biex jiehu karti minn fuq is-seat ta' hdejh u hekk kif kien ezatt ser johrog ra l-hgieg tal-bieba tieghu jinkiser qabel ma kien rega' mess il-bieba - u hekk gara l-incident;
7. Illi ghall-incident kien jahti Luca Zahra u f’kull kaz zgur li bl-agir tieghu jekk xejn ikkontribwixxa ghall-incident de quo;
8. Illi ma hemm ebda debilita permanenti u intant l-attur irid jipprova d-danni li allegatament sofra;

Rat l-atti, ir-rapporti peritali, u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Talba u kontestazzjoni**

Permezz tar-rikors guramentat tieghu l-attur ippremetta li nhar id-19 ta' Dicembru 2017 ghall-habta tas-13:50pm fi Triq Hompesch, il-Fgura, waqt li Luca Zahra kien qed isuq ir-rota tieghu huwa safa vittima ta' incident stradali li sehh meta Joseph Orlando fetah il-bieba tal-karozza tieghu minghajr attenzjoni b'konsegwenza li dahal fil-bieba tal-vettura tal-konvenut. Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien jahti unikament ghal dan l-incident, l-attur talab il-likwidazzjoni u hlas tad-danni subiti minnu.

Permezz tar-risposta guramentata, il-konvenut wiegeb li ma ghandu ebda tort u l-incident sehh bi htija tal-attur stess minhabba li kien qed isuq ir-rota tieghu vicin wisq tal-vetturi pparkjati u ukoll talli naqas li jilbes elmu protettiv waqt li kien qed isuq ir-rota. Giet ikkontestata ukoll l-entita' tad-danni kif ukoll jekk hemmx debilita permanenti.

**Provi**

Skont l-Incident Report (a fol. 4) redatt minn PC945 Roberto Cilia fit-19 ta' Dicembru 2017 mill-Action Taken jirrizulta li:

"Il-Pulizija tal-Ghassa tal-Fgura gew infurmati mill-Ghassa ta' Rahal Gdid illi fi Triq Hompesch, hdejn il-B.O.V. kien hemm persuna mal-art illi kellha wiccha miksi bid-demm. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn sabu lil Zahra Luca illi kien ferut, bilqeda mal-art. Huwa kien assistit minn missieru Noel Zahra illi rrikorra fuq il-post ftit tal-minuti wara li Luca waqa'. Kien hemm ukoll Orlando Joseph.

Luca kien jidher illi kien sturdut mid-daqqa, kif ukoll kellu qasma visibli f'rasu illi kien hiereg id-demm minnha; ma dan kollu Luca kien jaf fejn qieghed kif ukoll spjega x'gara fejn qal illi kien ghaddej bir-rota bejn il-vettura ipparkjata u dawk ta' got-triq u f'daqqa wahda infethet bieba ta' karozza u ma lehaqx ibbrekja mal-ewwel. B'konsegwenza t'hekk huwa waqa' mal-art u wegga. Meta gie mitkellem, missieru stqar illi ma jafx x'kien gara ghaliex hu gie infurmat min-nies u nizel jigri fuq il-post malli kien jaf. Luca ittiehed 1-Isptar f'ambulanza."

PC 945 Roberto Cilia fl-affidavit tieghu (a fol 139) li gie pprezentat fil-kawza kriminali kontra l-

konvenut hemm imnizzel hekk:

"Nhar l-19/l2/2017 ghall-habta tal-13:50 hrs il-pulizija tal-ghassa tal-Fgura gew infurmati li kien hemm persuna fl-art fil-vicinanzi tal-Bank B.O.V. Il-Pulizija tal-Fgura minnufih marru fuq il-post fejn sabu lil Luca Zahra I.D card numru: 449001L ferut u bid-demm ma' wiccu kif ukoll lil certu Joseph Orlando I.D card numru: 281775M li kien ghadu kif ipparka il-vettura tieghu HBI 192 tal-ghamla BMW.
Malli wasalt fuq il-post ivverifikajt illi kien hemm abbulanza gejja fit-triq. Jien bqajt fuq il-post flimkien ma' Luca u Joseph Orlando (sid il-vettura HBII92) sakemm waslet l-Abbulanza u marru l-isptar.
Meta Luca kien mistoqsi x'gara huwa stqarr illi kien ghaddej fit-triq bir-rota bejn il-vetturi ipparkjati u dawk tat-triq, fejn f'daqqa wahda bieba tal-Vettura HBI192 infethet minn Joseph Orlando, u Luca spicca baqa diehel fil-bieba.
Gie mitkellem ukoll Joseph Orlando fejn stqarr illi kien ghadu kif ipparkja il-vettura tieghu, hares mil-mirja u ma ra xejn, dar iggib file u kif fetah il-bieba tal-vettura tieghu Luca baqa diehel fil-vettura (ara fol. 136-137).
Luca pprovda certifikat mediku mahrug mit-tabib Angel Galdes MED. number 3823 fejn kien iddikat li kien qed issofri minn griehi gravi."

PC 945 Roberto Cilia xehed quddiem il-Qorti fejn ikkonferma r-rapport li kien ipprepara. Hu kien mar fuq il-post kellem lill Luca Zahra li kien jidher stordut u ntbaghat l-isptar. Hu ha l-verzjoni ta' Orlando fuq il-post u kif ukoll qallu biex imur l-ghassa biex jiehu aktar dettalji. Kellmu kemm fuq il-post kif ukoll l-ghassa.

PS 185 Roger Mifsud xehed fl-istess sens.

Luca Zahra xehed li kien qed isuq ir-rota fi Triq Hompesch, Fgura sejjer lura lejn id-Dar, iz-Zejtun, wara li spicca mill-iskola l-Mcast, Paola. X'hin wasal fejn il-BOV tal-Fgura ghaddej fuq ix-xellug tat-triq, bejn il-karozzi pparkjati u l-karozzi ghaddejjin fl-istess direzzjoni, f'daqqa wahda habat ma xi haga u spicca fl-art. Hu spicca in-naha ta' barra ta' bieba ta' karozza pparkjata u r-rota mal-art fuq in-naha ta' gewwa tal-istess bieba, bil-bieba tal-karozza miftuha bejnu u bejn ir-rota. Sid il-karozza kien qed jitkellem ma' xi hadd fuq il-mobajl barra l-vettura. Hu rrealizza li sid il-karozza kien fetah il-bieba waqt li hu kien wasal ezatt magemb il-bieba. Hu intefa fuq ghatba ta' bieb ta' dar, ghax beda jistordi u ma bediex jara sew ghax id-demm beda niezel f'ghajnejh. Kienu cemplu lil missieru biex ighidulu x'gara. Imbaghad giet l-ambulanza u haduh l-isptar fejn nehhewlu l-hgieg li kellu go wiccu u ghamlulu punti. Wara xi xahar kienu nehhulu xi hgieg iehor minn geddumu fil-polyclinic. Meta dahal gol-bieba l-hgiega nkisret u kellu griehi f'wiccu u gembu (ara fol. 9 Dok. C).

In kontroezami wiegeb li hu kien fil-post immarkat b'X fir-ritratt JOI a fol. 103. Il-konvenut kien

ipparkjat fuq in-naha fejn hemm il-karozza bajda. Hu ma kienx liebes helmet u ma kienx ghaddej isuq ghax kien hemm il-karozzi. Ma jiftakarx x'kulur kienu t-traffic lights dak il-hin. Hu kien attent ghal hafna affarijiet mhux il-lights biss. Ma jiftakarx kemm kien il-boghod meta nfethet il-bieba imma ma kienx hafna.  Hu ra il-bieba tinfetah u baqa diehel fil-gewwa taghha. Ma lahaqx ghafas il-brakes. Hu jiftakar li kien hemm karozzi ghaddejjin quddiemu u warajh u jghadduh. Il-karozzi magembu ma kienux weqfin. Hu normali li kien ighaddi minn dik it-triq bir-rota. Wara l-incident ma baqax. Hu ghadda minn fuq ix-xellug tat-triq u l-karozzi jghaddu minn fuq barra tieghu. Hu ma jghaddix minn nofs it-triq. Hu ma jiehux spazju ta' karozza.

Meta rega' xehed qal li meta kien ghaddej ma kien hemm ebda bieba miftuha u baqa' diehel fiha. Il-bieba nfethet f'daqqa u ma kellux cans jibbrejkja. Minn dik it-triq ighaddu l-karozzi tal-linja.

Hu qed isegwi kors ta' Advanced Diploma in Sports l-MCAST. Hu jahdem ma Sports Malta u jikkowcja. Hu qed jikompli jistudja ghal PE teacher.

Noel Zahra, missier Luca, xehed li kienu cemplulu li Luca kien involut f'incident. Wasal fuq il-post u sab lil Luca u lill-konvenut. Kienet giet l-ambulanza u l-pulizija, li ghamlu xi mistoqsijiet. Hu mar ma Luca bl-ambulanza l-emergenza. Qal li Luca ilu jsuq kemm Malta kif ukoll barra minn Malta u anke isuq fit-tul. Hu kien ipprova jgib ir-rapport tal-pulizija biex jara x'qal il-konvenut izda ma tawulux.

Joseph Orlando xehed li pparkja ghax kien sejjer il-Bank (BOV) fetah il-bieba u hares fil-mera. Hu hares mit-tieqa u hares tul blokka jew tnejn u ra li ma kien ghaddej hadd. Fetah it-tieqa biex igib xi dokumenti mis-seat tal-passiggier u ezatt qabel hareg dahal il-bicycle fuq il-bieba. Hu fetah il-bieba ftit sekondi biex igib id-dokumenti. Hu u hiereg dahlet ir-rota fil-bieba. Ma jidhirlux li kien fuq il-mobile hu u hiereg mill-karozza. Il-bieba tinfetah f'zewg stadji; hu fetah fuq l-ewwel wahda bizzejjed biex ikun jista` jgib id-dokumenti u johrog. Jekk jiftah il-bieba kollha ikun hemm bizzejjed biex tghaddi karozza. Il-karreggjata ghal karozzi mhijiex dejqa. Bejn meta fetah il-bieba u dar biex igib il-files u hareg ghaddew ftit sekondi. L-attur ghadda bejn il-karozza tieghu u l-karozzi li kienu ghaddejjin u l-bieba kienet miftuha. Kienet inkisret il-hgiega tal-

karozza. Id-daqqa fil-bieba kienet fin-nofs taghha. Ezebixxa Dok. JOI a fol. 181-184 dwar il-hsara fil-karozza li ssewwiet mill-insurance.

Dr. Simon De Gabriele xehed li l-attur Luca Zahra sofra dizabilita ta' 6%. Hu pprezenta r-rapport tieghu a fol 241 bir-ritratti tal-griehi ta' Luca Zahra. Fir-rapport hemm affarijiet li qallu Luca Zahra u affarijiet ohra, fatti li rriskontra oggettivament. Il-persentagg ta' dizabilita ma jinghatax biss ghal disabilita fil-funzjoni imma anke ghal dizabilita fuq l-estetika li jista' affettwat psikologikament lis-suggett. Luca ghandu *scars* li jidhru li jattiraw attenzjoni ta' nies ohra kif qallu il-pazjent li jhoss. L-attur ghandu *scar* f'wiccu li tidher. Hu ma jistax jghid x'qed ihoss il-pazjent. Ma jistax ighid jekk l-iscar se tibqa' ghal ghomru izda meta hu rah sentejn wara l-incident, dina kienet ghadha tinfetahlu u taghtih il-problemi.

Dr. Susan Mallia ikkonfermat ic-certifikat a fol. 17 li harget fl-14 ta' Marzu 2018 meta kienet nehhiet hgiega zghira minn geddum l-attur. Hi uzat punti tal-karta biex taghlaq.

Perit Richard Aquilina ezebixxa pjanta tat-triq u l-post fejn gara l-incident.

Carmel Curmi, ufficjal tal-LESA, ezebixxa lista ta' kontravenzjonijiet li hargu f'isem il-konvenut minn 2002 sa 2019 (Dok. CC1 a fol. 144).
PL Eunice Grech Fiorini ezebiet l-process il-Pulizija vs Joseph Orlando (ara fol. 132 Dok. EGF1) l-akkuzi fis-seduta tal-Kollizjonijiet u decizjoni tal-19 ta' Novembru 2018 (a fol. 141).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-attur Luca Zahra kien qed isuq ir-rota tieghu fuq ix-xellug tat-triq bejn karozzi li kienu ipparkjati fuq ix-xellug tieghu u karozzi mexjin fl-istess direzzjoni li kien sejjer fiha hu. Kif qorob lejn il-karozza pparkjata li fiha kien il-konvenut, l-attur baqa' diehel bir-rota go nofs il-bieba ta' quddiem tan-naha tas-sewwieq u spicca mal-art bir-rota wara l-bieba. Il-konvenut isostni li l-bieba kienet diga` miftuha mentri l-attur ighid li l-konvenut fetah il-bieba f'daqqa fuqu minghajr ma tah can li jibbrejkja.

Fil-kaz ta' llum, bhalma bosta drabi jigri f'incidenti bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet ma jaqblux ma' ta' xulxin.

Illi filwaqt li l-attur jishaq li hu kien qed ghaddej normali fuq ir-rota fuq in-naha tieghu meta l-konvenut fetah il-bieba ghal gharrieda u holoq emergenza subitanea, il-konvenut ighid li hu kien hares fil-mera qabel fetah il-bieba u li, sa fejn ra, hadd ma kien gej.

Illi ghar-rigward tal-kwistjoni tal-apprezzament tal-provi, huwa principju stabbilit li, fejn il-verzjonijiet tal-partijiet ikunu tali li ma jaqblux, il-Qorti trid tqis liema wahda minn dawn il- verzjonijiet hija l-aktar wahda attendibbli u toqghod maghha.

Fuq is-sewwieq ta' karozza ipparkjata jaqghu dmirijiet partikolari dwar it-traffiku li jkun miexi fil-qrib, kemm jekk ikun hiereg bil-karozza (ghal fuq il-karreggata) u kif ukoll jekk ikun hiereg minnha.

Min jiftah bieba fuq in-naha tal-karreggata ikun qed jostakolaha. Jinkombi lil min jiftah il-bieba illi jkun cert li ma jkun gej hadd warajh, u li kemm jista' jkun malajr ifittex jerga' jaghlaqha. Ir-responsabbilità ta' proper lookout hi fuq min jostakola t-triq u mhux fuq min jigi ostakolat.

Fil-paragrafu 52 tal-Highway Code nsibu hekk:

> *52. Be very careful if stepping on the carriageway to get in or out of a car. Use the kerbside doors wherever possible. Even though the driver of the car may have to use the offside door, it should always be possible for passengers to use only the kerbside doors.*

Fil-paragrafu 243 tal-Highway Code hemm il-procedura li s-sewwieq ghandu jsegwi meta jipparkja l-vettura tieghu u biex ticcekkja madwarek qabel tiftah il-bieba u jipprovdi stampa ta' ciklist li jista' jindarab minhabba bieba li tinfetah ghal fuq it-triq (ara ukoll Prevent Dooring Video Edukattiv ta' Transport Malta).

Ghalkemm il-ftuh ta' bieba ghal fuq il-karreggata mhix xi haga projbita, din ma tridx tkun xi haga li ssir b'mod kazwali, u trid issir b'kawtela. Ir-regolamenti 74 u 77 tal-

Motor Vehicle Regulations huma wkoll tassattivi dwar l-ostakolar tal-perkors hieles tat-traffiku.

Hu minnu illi kieku s-sewwieq li jkun gej minn wara, ikollu opportunità ovvja li jara l-bieba miftuha, u li jew jieqaf qabel, jew idur maghha, dan huwa obbligat li jaghmel dak li hu ragonevoli sabiex jevita incident. Dan huwa obbligu residwali li jinkombi lil kull sewwieq, anki meta s-sewwieq jew utent iehor tat-triq ikun holoq problema (ara **Brian Mallia vs Alison Camilleri et**, PA 31/05/2012 u **Elmo Insurance Ltd et vs Christa Licari Gauci**, App 23/04/2021).

Il-Highway Code fil-paragrafu 55 hemm:

> *Look well ahead for obstructions in the road, such as drains, pot-holes and parked vehicles so that you do not have to swerve suddenly to avoid them. Leave plenty of room when passing parked vehicles and watch out for doors being opened into your path.*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi meta gie mitkellem mill-Pulizija Joseph Orlando stqarr illi hu kien ghadu kif ipparkja l-vettura tieghu, hares mil-mirja u ma ra xejn, dar biex igib file u kif fetah il-bieba tal-vettura tieghu Luca baqa diehel fil-vettura (ara fol. 136-137).

Fil-Qorti huwa jaghti verzjoni kemm xejn differenti u jghid li pparkja ghax kien sejjer il-Bank (BOV) fetah il-bieba u hares fil-mera. Hu hares mit-tieqa u hares tul blokka jew tnejn u ra li ma kien ghaddej hadd. Fetah it-tieqa biex igib xi dokumenti mis-seat tal-passigier u ezatt qabel hareg dahal il-bicycle fuq il-bieba.

Jidher li mal-Pulizija l-konvenut qal li l-impatt sar wara li dar fuq is-seat tal-passiggier ghal xi karti u meta fetah il-bieba dahal fil-bieba l-attur. L-azzjoni hi wahda fluida u l-ftuh tal-bieba sehh ezatt wara li dar igib il-karti. Mentri fil-Qorti jghid illi fetah il-bieba, dar biex jigbor xi dokumenti minn fuq is-seat u ezatt qabel hareg sar l-impatt. Din ix-xiehda tindika certu pawsa ta' hin bejn il-ftuh tal-bieba u l-impatt billi f'dan il-perjodu l-konvenut jixhed li dar fuq is-seat tal-passiggier ghal xi karti bil-bieba miftuha. Kuntrarjament, l-attur baqa' dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu ghax dejjem sostna li l-bieba infethet ghal gharrieda u ma tatux cans jibbrejkja u baqa' diehel dritt f'nofs il-bieba. Dejjem sostna li l-konvenut ma kienx barra mill-karozza bil-bieba miftuha.

Fil-fehma tal-Qorti hemm ghadd ta' fatturi li juru li dak li gralu l-attur kien minhabba li l-konvenut naqas milli jhares il-htigijiet elementari mistennija minn kull min ikun qieghed fil-kontroll ta' karozza.

Fil-fehma tal-Qorti l-incident gara meta l-konvenut gie biex jiftah il-bieba biex johrog meta harsitu ma kinitx fuq min gej minn wara l-vettura ghax kien dar fuq ix-xellug tieghu igib xi karti, u mhux li Luca Zahra baqa' diehel fil-bieba meta kienet diga miftuha.

Il-konvenut infatti jsostni mal-pulizija li hu hares mill-mera tal-karozza u ra li ma kien ghaddej hadd. Pero dar biex igib xi karti u fetah il-bieba. Jirrizulta mill-provi li l-karreggjata kienet mimlija karozzi u kif appena fetah il-bieba, ir-rota baqghet diehla gol-bieba. X'imkien Luca Zahra kien. It-triq hemmhekk hija twil u dritta. Ghalhekk jekk il-konvenut verament hares, hu kellu jara lill-attur gej ghax dan kien gej minn warajh. Invece dak li sehh kienet l-aljenazzjoni tal-konvenut li dar ghal karti mis-seat tal-passiggier u fetah il-bieba bla ma rega' hares warajh. Ghalhekk il-verzjoni tal-attur tikkonbacja mal-verzjoni li l-konvenut ta lil pulizija u hi l-aktar verzjoni verosimili tal-incident.

Hu dmir ta' sewwieq li jzomm '*a reasonable look out*' liema dmir igib mieghu li sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbili. "*The duty to look implies the duty to see what is in plain view*". Jekk sewwieq isostni li ma rahx il-vettura l-ohra gejja, din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' jara (kif ic-cirkostanzi f'dan il-kaz juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent (Ara **Horace Balzan Falzon Wintrup vs Joseph Attard**, App 30/07/2010).

L-attur isostni li l-konvenut kien fuq il-mobile x'hin fetah il-bieba tal-vettura u ghalhekk kien aljenat.

Jigi rilevat li l-attur ra l-bieba tinfetah quddiemu ghal gharrieda u spicca gol bieba u waqa' mal-art. Ghalhekk hu ma jistax ighid x'kien qed jaghmel il-konvenut dak il-hin u cioe jekk kienx bil-mobile. Hu induna biss li l-konvenut kien qed juza l-moble x'hin

qam mill-art wara l-incident meta l-konvenut kien diga barra mill-karozza. Ghalhekk ma hemmx prova konkluzziva li x'hin fetah il-bieba l-konvenut kien qed jitkellem fuq il-mobile. L-allegat track record tal-konvenut f'dan ir-rigward mhux bizzejjed. "*The point is not what generally happens but what did actually happen in the particular case*" (**Pulizija vs Coggle et**, App 11/12/1967).

Il-konvenut isostni li l-attur naqas li jhares dak li jitlob il-Kodici tat-Traffiku meta ma zammx boghod bizzejjed mis-serbut tal-karozzi ipparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Intwera li dak il-hin l-attur Luca Zahra kien ghaddej fuq ix-xellug tat-triq bil-karozzi ghaddejjin magembu. Bicycle lanes ma hemmx fit-triq u l-attur bilfors kellu jzomm fuq ix-xellug tat-triq biex ihalli l-vetturi jghaddu.

Skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.26 Regolament dwar vetturi b'qawwa baxxa u cikletti bil-pedali:

> **11(2)** Meta persuna tkun qed issuq cikletta bil-pedali jew ciklettabil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur, kompriza pedelec, fit-triq, **ghandha zzomm kemm hu possibbli 'l gewwa hafna fuq ix-xellug tat-triq fid-direzzjoni tat-traffiku** hlief meta jkun qed joqrob intersezzjoni jew roundabout jew meta jkun qed jaqbez vetturi ohra.

L-attur ghalhekk kien qed isegwi dak li titlob il-ligi.

Fil-Qorti l-konvenut xehed li l-bieba tinfetah f'zewg stadji; hu fetah fuq l-ewwel wahda bizzejjed biex ikun jista jgib id-dokumenti u johrog. Hu qal li jekk jiftah il-bieba kollha ikun hemm bizzejjed biex tghaddi karozza.

Fil-fehma tal-Qorti l-importanti huwa l-mod kif tiftah il-bieba u b'liema prudenza u diligenza dan isir. Il-konvenut ma gabx prova quddiem il-Perit teniku nominat minn din il-Qorti fuq dak li allega apparti li kif intqal hi l-azzjoni tal-ftuh tal-bieba fuq ciklist li kien il-fatt sanzjonabbli f'dan il-kaz.

Lanqas ma kien il-kaz li l-attur kien qed isuq b'mod traskurat jew b'velocita' jew li kien tilef il-kontroll tar-rota, hlief meta infethet il-bieba quddiem wiccu f'daqqa. Ma

ntweriex li l-attur kien ra jew sata' jobsor li l-bieba tal-karozza tal-konvenut kienet qieghda jew sejra tinfetah fuqu habta u sabta u tizbilancjah. Ma kienx ragonevolment mistenni li Luca Zahra jintebah bl-ostakolu fi zmien utli li bih kien jevita l-incident.

Huwa gurisprudenzjalment ritenut ukoll li l-fatt li wiehed seta' kien f'pozizzjoni, kieku agixxa mod iehor, li jirreagixxi tempestivament *in the agony of the moment* tal-incident biex jevita d-dannu, dan mhux necessarjament jirrendih responsabbli jew ko-responsabbli ghall-incident fih innifsu (**Michele Lanteri vs Alan Spiteri**, App 29/01/2016 u **Carmelo Micallef St. John et vs Richard Spiteri et**, App 15/01/2002).

Ghalhekk l-attur ma kienx hati ta' nuqqas ta' *proper lookout* meta ma ntebahx bl-ostakolu f'hin siewi.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-attur laqat jew intlaqat mill-bieba tal-karozza tal-konvenut mhux ghaliex kien niezel ihaxken maghha, izda ghaliex l-istess bieba nfethet fuqu ghal gharrieda b'mod li ma setax ragonevolment jevitaha. Din kienet il-kawza tal-incident li ghaliha jahti l-konvenut.

Din kienet il-kawza immedjata tal-incident.

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tort tal-incident kien tal-konvenut u li  l-attur ma kellu l-ebda htija f'dak li gara.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-attur.

**Htija kontributorja**

Il-konvenut eccepixxa li l-attur ikkontribwixxa ghad-danni sofferti fuqu peress illi ma kienx liebes il-crash helmet. Hu ghamel referenza ghall-paragrafu 55 tal-Highway Code li jikkonsilja li "*you should wear a cycle helmet which conforms to current regulations*".

Min-naha l-ohra l-attur jikkontendi li c-cikatrici li sofra tinsab f'wiccu u fuq zaqqu ghalhekk anke kieku kien liebes il-crash helmet dan qatt ma kien ser jipprotegih mic-cikatrici kkawzati f'dan l-incident.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Noel Falzon vs Dexter Bianco**, App 20/07/2020 fejn jinghad:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili li jittratta l-htija kontributorja jipprovdi li din issehh "*Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara* **…". Fil-fehma tal-qorti dan il-kliem juri li jista' jkollok kaz li ghalkemm vittma ma tkunx hatja tal-incident, il-qorti xorta tista' ssib li l-vittma ghandha htija fil-kawza tad-danni**. Dan ifisser li ghal finijiet ta' htija kontributorja m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cioe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda ssuq taht l-effett ta' kwantita` sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza."

Illi fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-attur ghazel li ma jilbisx crash helmet ma jistax ma jkollux konsegwenzi ghalih fir-rigward tad-danni li sofra f'wiccu anki jekk ma kienx rilevanti daqshekk ghad-dannu f'sahhtu. L-attur ma gab ebda prova li kien isofri l-istess griehi anki kieku kien libes elmu protettiv. L-iskop tal-elmu hu precizament biex jevita hsara jew hsara aktar gravi.

Din il-Qorti tqis li f'dan il-kaz l-attur ghandu jbati parti mill-hsara sofferta kawza tal-incident u tqis bhala gust li jbati 20% mill-hsara sofferta ghax tali crash helmet seta' ragonevolment naqqas mill-feriti sofferti.

**Danni**

L-Artikolu 1045(1) jistabilixxi x'tip ta' danni ghandu jwiegeb ghalihom il-persuna li tkun responsabbli ghall-incident li jkun ikkawza bi hsara ghal haddiehor.

Rigward id-danni attwali (lucrum cessans) l-attur qed jitlob:

Dok. A Ricevuta ghal creams €11 u €9 (fol. 160)

Dok. B Ricevuta Tabib €40 (fol. 161)

**B'kollox €60**

Rigward il-telf ta' qligh futur (lucrum cessans) l-espert mediku fir-rapport tieghu (a fol. 192), ta lill-attur dizabilita' ta' 6% ghar-ragunijiet indikati fir-rapport tieghu u spjegati fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti. Hu ccara li l-percentwali ma tinghatax biss fuq id-dizabilita' funzjonali imma anke fuq dizabilita' minhabba l-estetika li tista' taffettwa lil persuna psikologikament. Hu spjega kif wasal ghal figura ta' 6% u mhux ghal 5% kif qed jissuggerixxi l-konvenut. Il-konvenut ma kkontestax din il-konkluzzjoni permezz ta' esperti ex parte jew b'xi talba ghal periti addizzjonali.

Dwar il-qligh mitluf, meta sehh l-incident l-attur kien ghadu minuri. Ma hemmx prova konkreta tal-introjtu tieghu meta hu jibda' jahdem fuq bazi full-time. L-attur qed jippretendi li l-Qorti tibbaza l-kalkoli taghha fuq il-paga minima imma peress illi l-attur huwa student habrieki u jgib marki tajba u kien kapaci jiggenera introjtu anke meta kien ghadu minuri, l-introju tieghu ghandu jkun aktar mill-paga minima u paragunata ma' dik ta' professjonist. Tenut kont ukoll tal-gholi tal-hajja, l-attur issottometta li l-ammont li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghandu jkun wiehed li ma jkunx inqas minn €25,000.

Fil-fehma tal-Qorti gew prodotti provi li l-attur ghandu kapacitajiet li jindikaw li potenzjalment ser ikollu impieg b'aktar minn paga minima (ara certifikati tal-ezamijiet u dokument li juri li kien diga beda jaghmel xoghol anke meta kien ghadu minuri).

Il-paga minima nazzjonali applikabbli ghas-sena 2017 kienet ta' €160.14 fil-gimgha (€8,327.28 fis-sena). Il-Qorti mhux se taghmel il-kalkoli taghha fuq il-paga minima nazzjonali ghar-ragunijiet imsemmija. Wiehed jistenna wkoll li biz-zmien id-dhul tieghu jizdied konsiderevolment. Ghalhekk il-kalkoli ser isiru fuq qligh medju arbitrio u boni viri ta' €20,000 fis-sena.

Bhala multiplier l-attur jikkontendi meta sehh l-incident kellu 16-il sena u l-eta' pensjonabbili mhijiex anqas minn 65 sena. Ghalhekk isostni li l-multiplier generalment ghandu jkun ta' 35 sena imma fil-kaz tieghu ma jarax ghalfejn ma jistax jibqa' jahdem anke wara din l-eta' bhala professjonist. Multiplier ta' 40 sena ghandu

japplika f'dan il-kaz. Fil-fehma tal-Qorti f'dana l-kaz ghandu japplika multiplier ta' 35 sena.

L-attur ighid li ma ghandux ikun hemm 'lump sum' reduction billi llum il-banek ma ghandhomx jaghtu imghaxijiet gholjin bhal qabel (L-attur ghamel referenza ghas-sentenza **Trevor Grech vs Lawrence Agius**, PA 17/10/2018).

Illi l-lump sum payment ta' 20% titnaqqas meta jkun ghadda zmien qasir mill-event dannuz u jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Dan m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza jekk min jikkawza l-hsara ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza.

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li llum il-gurnata l-imghax li jaghtu l-banek huwa insinifikanti, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-attur se jkollu f'idejh somma sostanzjali, li ma kienx ghal dana l-incident, ma kienx jakkwista hlief wara certu snin ta' hidma. Il-flus mhux necessarjament tinvestihom billi thallihom il-bank jakkumulaw l-imghax izda jistghu jigu nvestiti f'diversi progetti ohra. Ghalhekk tnaqqis ghal lump sum payment ghandu isir f'dan il-kaz. L-incident gara fil-2017 u l-kawza infethet fil-2018 u se tinqata' fl-2021 cioe' wara 4 snin. Ghalhekk se jsir tnaqqis ta' 8%.

Minn naha tal-konvenut il-kontestazzjoni tieghu kienet principalment fuq id-dizabilita riskontrata mill-espert mediku biss.

**Kalkolu**

Lucrum cessans €20,000 x 35 sena (multiplier) = €700,000

€700,000 x 6% (dizabilita' permanenti) = €42,000

Tnaqqis mil-lump sum 20% - 8% = 12%

€42,000 x12% = €5,040

€42,000-€5,040 = €36,960

€36,960 x 20% (negligenza kontributorja) = €7,392

€36,960-€7,392 = €29,568 +

Damnum Emergens €60

**Total €29,628**

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi ssib lill-konvenut unikament responsabbili ghall-incident mertu ta' dina l-kawza; tillikwida d-danni skont dak deciz fl-ammont ta' €29,628; u tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez jinqasmu tmenin fil-mija ghall-konvenut u ghoxrin fil-mija ghall-attur**.**

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur